MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 471/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Art of Sail (Malta) Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Frar, 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici proprio et nomine s-somma ta' elf erba' mija u sittin liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm1,460.64) rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' *meter* ta' l-ilma, u ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' *meter* ta' l-elettriku fil-fond *Art of Sail (Malta) Limited,* Qasam Industrijali, Marsa, skond il-kontijiet numri 007411830 u 027411800 u d-dokumenti li gew annessi ma' l-Avviz tat-Talba (WSC1 u WSC2).

Bl-ispejjez, inkluzi Lm11.50 spejjez ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ Jannar, 2003 u bl-imghax kummercjali, kontra s-socjeta` konvenuta.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tal-korporazzjoni attrici proprio et nomine sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew pprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tal-korporazzjoni attrici proprio et nomine u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici proprio et nomine s-somma ta’ elf erba’ mija u sittin liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm1,460.64), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ Jannar, 2003, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------